# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020**

**Talba Numru 233/2019SFJ**

***M. Demajo (Wines & Spirits) Limited (C2521)***

***vs.***

***Andrew Mifsud (438267M) eżerċenti l-kummerċ bl-isem "Vino's Café Bar"***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' **tlett mija u sitt Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€306.55)**.

Ra li s-soċjetà attriċi kompliet tgħid li konvenut baqa' inadempjenti nonostante l-interpellazzjonijiet li sarulu.

Ra li skont l-Avviż tat-Talba, l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni huwa ammont rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-istess konvenut fuq struzzjonijiet tiegħu stess u servizzi oħra anċillari, u dan kif jirriżulta mill-is*tatement* immarkat "Dokument A" oltre l-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv. Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas mhux biss l-ammont hawn fuq imsemmi bl-imgħax kif deskritt iżda anki l-ispejjeż u d-drittijiet ta' dawn il-proċeduri kif ukoll l-ispejjeż tal-Mandat ta' Sekwestru (kawtelatorju) ippreżentat kontestwalment kontra l-konvenut.

Ra li s-soċjetà attriċi ppreżentat *statement* immarkat "Dokument A" (fol. 3 u 4 tal-proċess) maħruġa fil-31 ta' Ottubru 2017 li tindika li l-istess soċjetà attriċi issupplixxiet ammont ta' xorb alkoħoliku lin-negozju ġestit mill-konvenut u li l-ammont dovut skont l-istess *statement* jikkorrispondi mal-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba.

Ra li kif jidher minn fol. 16 sa fol. 24 tal-proċess, il-konvenut ġie nnotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'gazzetta lokali.

Ra li nonostante li ġie meqjus innotifikat, il-konvenut ma deherx għas-seduta tal-15 ta' Jannar 2020.

Ra li fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2020, il-konvenut reġa' ma deherx. F'dik l-udjenza, l-Avv. Cynthia Portelli għas-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu li permezz tiegħu riedet tipprova bil-ġurament li l-konvenut huwa debitur tal-istess soċjetà attriċi għall-ammont u r-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020, il-konvenut ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni biex jikkontesta l-kawża.

Ra li l-konvenut ma deher għal ebda waħda mis-seduti miżmuma u ma ppreżenta ebda dokument jew sottomissjoni kwalsiasi.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' tlett mija u sitt Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€306.55) bl-imgħax kif mitlub li għandu jiġi ikkalkulat mid-data tal-fattura relattiva, jiġifieri mill-31 ta' Ottubru 2017, liema imgħax m'għandux jeċċedi l-ogħla rata permessa skont il-liġi.

It-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż tal-Mandat ta' Sekwestru (kawtelatorju) stante li ma ġiet ippreżentata ebda prova li jeżisti l-istess Mandat ta' Sekwestru.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**